# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Lulju 2022**

**Kawza Numru: 21**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 539/2022 JVC**

**Paul Borg (K.I. 1061846M)**

**vs**

**Alex Giovany Billong (K.I. 9001436A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Paul Borg li kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi r-rikorrenti huwa s-sid tal-fond ossija appartament numru 4, Brug 2 Flats, Triq il-Vlontin, Fleur-de-Lys, Birkirkara.

2. Illi l-konvenut qieghed jokkupa tali fond minghajr ebda titolu validu skont il-Ligi.

3. Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jiżgombra mill-imsemmi fond baqa' inadempjenti.

4. Illi l-konvenut ma jgawdi l-ebda titolu fuq l-imsemmi fond, iżda sal-lum ghadu jippretendi li jibqa' jokkupa dan il-fond.

5. Illi ghalhekk, jirrizultaw l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-konvenut m'ghandux titolu validu fuq l-appartament aktar fuq deskritt u fil-fehma tar-rikorrenti, l-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissoleva kontra t-talbiet ta' l-istess rikorrenti.

6. Illi r-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

7. Ma' dan ir-Rikors Guramentat qed tigi annessa traduzzjoni tal-istess fil-lingwa Ingliża (Dok. B).

**TALBIET**

Jghid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex ma ghandiex l-Onorabbli Qorti, previa kull ordni u dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni jew mehtiega fic-cirkostanzi:

l. Taqta' u tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tiddikjara illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond ossija appartament numru 4, Brug 2 Flats, Triq il-Vlontin, Fleur-de-Lys, Birkirkara minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

3. Tawtorizza lir-rikorrent li jirriprendi l-pussess tal-fond ossija appartament numru 4, Brug 2 Flats, Triq il-Vlontin, Fleur de Lys, Birkirkara, u tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-istess appartament u dan fit-terminu fiss u perentorju koncess lilu mill-Onorabbli Qorti.

B'riserva u minghajr pregudizzju ghal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas ta kera u/jew danni konsegwenzjali u bl-ispejjeż kontra l-isteşs konvenut, liema konvenut huwa minn issa stess imharrek in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tal-lum, l-intimat debitament notifikat Alex Giovany Billong, wara li din il-Qorti fehmet lill-intimat b'lingwa li huwa jifhem il-kontenut tar-rikors, huwa ddikjara ma' din il-Qorti illi huwa m'ghandu problema li jizgombra mill-fond in kwistjoni izda jehtieg zmien sabiex ikun jista' johrog.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti qed tghaddi minn issa sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Paul Borg fejn jikkonferma li hu kien ko-proprjetarju tal-fond in kwistjoni flimkien ma' hutu Carmel u Francis Borg u llum l-fond huwa proprjeta' unika tieghu u cioe' tar-rikorrent Paul Borg.

Rat id-dokumenti anness mar-rikors guramentat li jikkonfermaw li l-proprjeta' hija tar-rikorrent.

Illi minn dak kollu esebit fl-atti u wkoll mid-dikjarazzjoni tal-intimat, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent hija gustifikata u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-intimat Alex Giovany Billong qieghed jokkupa l-fond ossija appartament numru 4, Brug 2 Flats, Triq il-Vlontin, Fleur-de-Lys, Birkirkara minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

3. Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lir-rikorrent li jirriprendi l-pussess tal-fond ossija appartament numru 4, Brug 2 Flats, Triq il-Vlontin, Fleur de Lys, Birkirkara, u tordna l-izgumbrament tal-intimat Alex Giovany Billong mill-istess appartament u dan fi zmien xahar millum.

B’riserva u minghajr pregudizzju ghal kull dritt jew azzjoni spettanti lir-rikorrent ghall-hlas ta’ kera u/ jew danni konsegwenzjali kif riservat fl-istess rikors guramentat u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**14 ta’ Lulju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**14 ta’ Lulju 2022**